

Brussell, 9 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11693/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0286(NLE)

PROBA 32
AGRI 407
WTO 207

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 537 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-emenda tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 537 final.

Mehmuż: COM(2021) 537 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2021
COM(2021) 537 final

2021/0286 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali
taz-Zokkor b'rabta mal-emenda tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992**

{SWD(2021) 235 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ("ISC") b'rabta mal-vot speċjali previst li jrid jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 44(1) tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor ("ISA") biex tirrakkomanda lill-Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor ("ISO") biex jemendaw l-ISA f'konformità mal-eżitu tan-negozjati għar-reviżjoni parzjali tiegħu li nbdeu f'Lulju 2019.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

L-ISA, 1992 għandu l-għan li jiżgura kooperazzjoni internazzjonali b'rabta mal-kwistjonijiet dinjija taz-zokkor u ma' kwistjonijiet relatati, li jipprovdi forum għall-konsultazzjonijiet intergovernattivi dwar iz-zokkor u dwar modi biex titjieb l-ekonomija dinjija taz-zokkor, li jiffaċilita l-kummerċ billi jiġbor u jagħti informazzjoni dwar is-suq dinji taz-zokkor u dolċifikanti oħra u li jħeġġeġ iż-żieda fid-domanda għaz-zokkor, b'mod partikolari għal użi mhux tradizzjonali.

L-ISA daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

L-Unjoni hija parti mill-ISA¹. L-ISA ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Ġie konkluż għal perjodu ta' tliet snin sal-31 ta' Diċembru 1995, u minn dakinhar 'l hawn ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn, kif previst mill-Artikolu 45 tiegħu. L-aħħar li ġie estiż l-ISA kien f'Lulju 2019² u jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni ħejjiet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex tkompli testendi l-ISA sa Diċembru 2023. Il-proċedura ta' adozzjoni dwar din il-proposta għadha għaddejja.

Huwa fl-interess tal-Unjoni li tipparteċipa fi ftehim internazzjonali dwar iz-zokkor, meta titqies l-importanza ta' dak is-settur għal għadd ta' Stati Membri u għall-ekonomija tas-settur taz-zokkor fl-Unjoni.

2.2. Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor

L-ISC huwa l-korp responsabbli għall-qadi tal-funzjonijiet kollha meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-ISA. Huwa jadotta regoli u regolamenti, inklużi r-regoli ta' proċedura tal-ISC u tal-kumitati tiegħu u tar-regolamenti finanzjarji u tal-persunal tal-ISO. L-ISC iżomm id-dokumentazzjoni meħtieġa u jippubblika rapport annwali u informazzjoni oħra fejn xieraq.

Il-Membri tal-ISA għandhom 2000 vot b'kollox. Kull Membru tal-ISA għandu għadd speċifiku ta' voti li kull sena jiġi aġġustat skont kriterji predefiniti fl-ISA. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jittieħdu, fil-prinċipju, b'kunsens sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fl-ISA. Fin-nuqqas ta' kunsens, id-deċiżjonijiet għandhom isiru permezz ta' vot ta' maġġoranza sempliċi, sakemm l-ISA ma jipprevedix vot speċjali.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (92/580/KEE) tat-13/11/1992 (ĠU L 379, tat-23/12/1992, p.15).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/1251 tal-15 ta' Lulju 2019 dwar il-pożizzjoni li għadha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor ISA tal-1992 (ĠU L 195, 23.7.2019, p. 18).

2.3. Att previst tal- Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor

Fl-2017, il-Kummissjoni rċeviet awtorizzazzjoni mingħand il-Kunsill³, biex tipparteċipa fin-negozjati mal-partijiet l-oħra għall-ISA, fi ħdan l-ISC, bil-għan li l-ISA jiġi mmodernizzat, b'mod partikolari fir-rigward tad-diskrepanzi bejn l-għadd ta' voti u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Membri tal-ISO minn naħa, u l-pożizzjoni relattiva tagħhom fis-suq dinji taz-zokkor min-naħa l-oħra. Dik l-awtorizzazzjoni ġiet estiża fl-2019 u tibqa' valida sal-31 ta' Diċembru 2021⁴.

Fil-55 sessjoni ta' 19 ta' Lulju 2019, l-ISC iddeċieda li jiftaħ in-negozjati fil-qafas tal-gwida tal-UNCTAD. Dawn in-negozjati se jikkonċernaw reviżjoni parzjali tal-ISA b'enfasi fuq it-tliet oqsma li ġejjin: il-baġit amministrattiv u l-kontribuzzjonijiet tal-Membri skont l-Artikolu 25; it-twessigħ tal-għanijiet, tal-istudji, tal-evalwazzjonijiet u tal-attivitajiet ta' riċerka biex jippermettu l-inklużjoni ta' prodotti oħra relatati maz-zokkor (b'mod partikolari, il-bijoetanol) fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 1, 32, 33 u 34; u r-regoli għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv skont l-Artikolu 23.

(a) Baġit amministrattiv u kontribuzzjonijiet tal-Membri skont l-Artikolu 25

Abbażi tal-awtorizzazzjoni ta' negozjar mill-Kunsill, il-Kummissjoni ppreżentat proposti konkreti għall-emenda tal-Artikolu 25, li jirregola l-adozzjoni tal-baġit amministrattiv u l-kontribuzzjonijiet tal-Membri. Din il-proposta ġiet skatata mill-fatt li skont r-regoli attwali dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-ISO, is-sehem tal-Unjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja baqa' prattikament l-istess mill-1992 'il hawn, għalkemm is-suq dinji taz-zokkor, u b'mod partikolari l-pożizzjoni relattiva tal-Unjoni fih, inbidlu b'mod sostanzjali minn dak iż-żmien 'il hawn. Għaldaqstant, f'dawn l-aħħar snin l-Unjoni assumiet sehem sproporzjonatament kbir tal-kostijiet baġitarji⁵ u tar-responsabbiltà fl-ISO. Biex tindirizza s-sitwazzjoni, il-Kummissjoni inizjat negozjati dwar metodu ta' kalkolu rivedut u mekkaniżmu ta' aġġornament ta' aġġustament aktar effettiv. Il-formula proposta tqis b'mod ugwali l-indikaturi rilevanti: il-produzzjoni, il-konsum, l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u l-ħila li tħallas , u tqis il-bidliet strutturali maż-żmien b'mekkaniżmu ta' aġġustament annwali bbażat fuq medji mobbli ta' ħames snin. Sabiex id-distribuzzjoni attwali tal-voti tiġi allinjata mar-realtajiet tal-lum fis-suq dinji taz-zokkor, mekkaniżmu ta' tranżizzjoni huwa inkluż, li jillimita l-bidla annwali fl-għadd ta' voti għal 15 % fl-ewwel ħames snin u għal 20 % għall-bqija tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-perjodu ta' tranżizzjoni ma jistax jaqbeż l-għaxar snin. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni u f'konformità mal-awtorizzazzjoni ta' negozjar mogħtija, appoġġat l-emenda tal-Artikolu 25 tal-ISA li tirriżulta min-negozjati.

(b) Twessigħ tal-għanijiet, tal-istudji, tal-evalwazzjonijiet u tal-attivitajiet ta' riċerka biex jippermettu l-inklużjoni ta' prodotti oħra relatati maz-zokkor fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 1, 32, 33 u 34

Matul in-negozjati għar-reviżjoni parzjali tal-ISA, Membri oħra tal-ISA pproponew emendi dwar l-Artikoli 1 (għanijiet), 32 (informazzjoni u studji), 33 (evalwazzjonijiet fis-suq, konsum u statistika) u 34 (riċerka u żvilupp). Il-bidliet proposti permezz ta' dawn l-emendi jinvolvu:

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/2242 tat-30 ta' Novembru 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 29).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/2136 tal-5 ta' Diċembru 2019 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-zokkor ISA (ĠU L 324, 13.12.2019, p.3).

⁵ L-għadd ta' voti determinati skont l-Artikolu 25 flimkien mal-ammont għal kull vot jintużaw biex tiġi kalkulata l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' kull Membru għall-baġit annwali tal-ISO.

- (1) inklużjoni tal-bijoetanol fl-għanijiet ġenerali tal-ISA (Artikolu 1, Kapitolu I).
- (2) perspettiva usa' dwar "informazzjoni u studji" (Artikolu 32, Kapitolu IX), "evalwazzjonijiet tas-suq, konsum u statistika" (Artikolu 33, Kapitolu IX), "riċerka u żvilupp" (Artikolu 34, Kapitolu X), essenzjalment biex tippermetti l-inklużjoni ta' prodotti oħra relatati maz-zokkor (b'mod partikolari, il-bijoetanol) f'dawn l-attivitajiet.

Il-Kummissjoni, f'isem l-UE u f'konformità mal-awtorizzazzjoni ta' negozjar mogħtija, appoġġat dawn l-emendi, peress li l-għan ġenerali tal-ISA kif deskritt fl-Artikolu 1 tal-ISA mhux se jinbidel bl-inklużjoni tal-bijoetanol.

L-emendi fil-punti a) u b) hawn fuq ġew diskussi fit-tul u ntlaħaq kunsens dwar il-formulazzjoni finali tagħhom mill-ISC matul is-57 sessjoni tiegħu li saret f'Novembru 2020.

- (c) Regoli għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv skont l-Artikolu 23

F'Diċembru 2020, il-Brażil ippropona emenda tal-Artikolu 23 tal-ISA dwar ir-regoli għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv. Il-bidla ewlenija li ġabet magħha din l-emenda hija l-limitazzjoni tal-għadd ta' mandati li Direttur Eżekuttiv jista' jservi għal tnejn. Bħalissa, kemm il-Kapitolu IV tal-ISA kif ukoll il-Kapitolu IX tar-Regoli Amministrattivi relatati tiegħu ma jgħidu xejn dwar dawn l-aspetti kollha. Għalkemm ġiet ippreżentata wara l-iskadenza miftiehma tal-31 ta' Jannar 2020, l-UE appoġġat l-inklużjoni ta' din l-emenda fir-reviżjoni parzjali attwali tal-ISA peress li għandha l-għan li ttejjeb l-attivitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor u tikkontribwixxi għall-għan ġenerali tal-modernizzazzjoni tal-ISO. L-ISC laħaq qbil dwar il-formulazzjoni finali ta' din l-emenda kif ukoll dwar l-inklużjoni tagħha fir-reviżjoni parzjali attwali tal-ISA matul it-58 sessjoni tiegħu f'Ġunju 2021.

Jenħtieġ li l-emendi kollha ta' hawn fuq maqbula matul in-negozjati għar-reviżjoni parzjali tal-ISA jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 44 tal-ISA sabiex isiru effettivi: *"Il-Kunsill jista', permezz ta' vot speċjali, jirrakkomanda emenda ta' dan il-Ftehim lill-Membri. Il-Kunsill jista' jiffissa żmien li warajh kull Membru għandu jinnotifika lid-depożitarju bl-aċċettazzjoni tiegħu tal-emenda. L-emenda għandha ssir effettiva 100 jum wara li d-depożitarju jkun irċieva notifikati ta' aċċettazzjoni mill-Membri li jkollhom mill-inqas żewġ terzi tal-voti totali tal-Membri kollha skont l-Artikolu 11 kif stabbilit skont l-Artikolu 25, jew f'data aktar tard li l-Kunsill seta' stabbilixxa permezz ta' vot speċjali. Il-Kunsill jista' jiffissa żmien li fih kull Membru għandu jinnotifika lid-depożitarju bl-aċċettazzjoni tiegħu tal-emenda u, jekk l-emenda ma tkunx saret effettiva sa dak iż-żmien, għandha titqies irtirata. Il-Kunsill għandu jipprova lid-depożitarju bl-informazzjoni meħtieġa biex jiddetermina jekk innotifikati ta' aċċettazzjoni riċevuti humiex biżżejjed biex l-emenda tkun effettiva."*

Skont l-Artikolu ta' hawn fuq, matul is-sessjoni tiegħu li jmiss ippjanata għas-26 ta' Novembru 2021, l-ISC se:

- Jirrakkomanda lill-Membri jemendaw l-ISA, jew b'kunsens jew, jekk ma jintlaħaqx kunsens, permezz ta' votazzjoni speċjali.
- Japprova l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-emenda jew b'kunsens jew, jekk ma jintlaħaqx kunsens, permezz ta' vot speċjali. Is-Segretarjat tal-ISO ppropona skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' emenda skont l-Artikolu 44 u d-dħul fis-seħħ sussegwenti tal-emendi tal-Artikoli tal-ISA li jirriżultaw min-negozjati għar-reviżjoni parzjali tal-ISA. Din l-iskeda ta' żmien proposta ġiet ippreżentata lill-ISC matul it-58 sessjoni tiegħu

fit-18 ta' Ġunju 2021. Matul is-sessjoni, l-ebda Membru ma qajjem oġġezzjonijiet fir-rigward tal-iskeda ta' żmien proposta għall-implimentazzjoni.

L-istadji ewlenin tal-iskeda ta' żmien proposta għall-implimentazzjoni msemmija hawn fuq huma:

- Il-membri għandhom jinnotifikaw lid-depożitarju bin-notifika tal-aċċettazzjoni tal-emendi sat-**30 ta' Ġunju 2023**. Din l-iskadenza hija proposta bil-ħsieb li jingħata biżżejjed żmien biex il-Membri jwettaq il-proċedura kostituzzjonali kollha meħtieġa għall-approvazzjoni tal-emenda tal-ISA.
- Jekk id-depożitarju jkun irċieva notifika ta' aċċettazzjoni mill-Membri li jkollhom mill-inqas żewġ terzi tal-voti totali, l-**emendi isiru effettivi fl- 31 ta' Ottubru 2023**. Dan huwa bejn wieħed u ieħor 123 jum wara d-data stabbilita għar-riċevuta tan-notifika ta' aċċettazzjoni (jiġifieri t-30 ta' Ġunju 2023). Membru li ma jkunx baġhat notifika ta' aċċettazzjoni sa din id-data għandu jieqaf milli jkun parti mill-ISA.
- Jekk is-sitwazzjoni msemmija hawn fuq isseħħ, il-Membri japprovaw id-distribuzzjoni riveduta tal-voti, skont il-formula l-ġdida tal-kalkolu fl-Artikolu 25 emendat tal-ISA, u l-kontribuzzjoni finanzjarjagħall-2024⁵ fit-tieni sessjoni tiegħu tal-ISC għall-2023, li se ssir fl-**aħħar ġimgħa ta' Novembru jew fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2023**.
- **Dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024**. Din id-data taħbat mal-iskadenza tal-aħħar estensjoni tal-ISA li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023 (li trid tiġi approvata mis-sessjoni tal-ISC tas-26 ta' Novembru 2021⁶).
- Jekk id-depożitarju jkun irċieva notifika ta' aċċettazzjoni mill-Membri li jkollhom inqas minn żewġ terzi tal-voti totali sal-31 ta' Ottubru 2023, l-emenda ma ssirx effettiva u l-ISA, 1992 jibqa' l-istess.

L-iskeda ta' żmien ta' hawn fuq hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44 tal-ISA.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-għan ta' din id-deċiżjoni huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex il-Kummissjoni tivvota, f'isem l-Unjoni, matul id-59 sessjoni tal-ISC li ser issir fis-26 ta' Novembru 2021, favur ir-rakkomandazzjoni lill-Membri tal-ISO biex jemendaw l-ISA f'konformità mal-eżitu tan-negozjati għar-reviżjoni parzjali tiegħu. L-abbozz tal-ISA emendat jinkludi bidliet fir-rigward tal-Artikoli 1, 25, 23, 32, 33 u 34 li jirriżultaw min-negozjati għar-reviżjoni parzjali tal-ISA (għad-dettalji, ara s-subpunti a, b u c taħt il-punt 2.3 hawn fuq).

Ma hemmx dubju li huwa fl-interess tal-Unjoni li tirrifirma l-ISO biex din tkompli tiġi allinjata mal-prattiki li l-Unjoni trawwem f'korpi internazzjonali oħra, kif ukoll mal-iżviluppi fis-suq dinji taz-zokkor mindu l-1992. Din ir-riforma se twassal għal trasparenza fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Membri kif jivvutaw kif ukoll tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom. L-istabbiliment ta' regoli ċari dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv u l-limitazzjoni tal-għadd ta' mandati li jista' jaqdi huwa konformi mal-għan tal-Unjoni li timmodernizza l-

⁶ Il-Kummissjoni abbozzat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex tkompli testendi l-ISA sa Diċembru 2023. Il-proċedura ta' adozzjoni dwar din il-proposta għadha għaddejja.

ISA, filwaqt li l-inklużjoni formali tal-etanol fl-għanijiet u fil-programm ta' ħidma tal-ISO tallinja l-kontenut tagħha ma' dak li diġà jeżisti.

Barra minn hekk, l-għan ta' din id-deċiżjoni huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex il-Kummissjoni tivvota, f'isem l-Unjoni, matul id-59 sessjoni tal-ISC li għandha ssir fis-26 ta' Novembru 2021, favur skeda ta' implimentazzjoni li tiżgura li l-istadji importanti differenti marbuta mal-emenda tal-ISA jiġu stabbiliti b'mod ċar u li d-dħul fis-seħħ tal-emenda ma jkunx aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur⁹⁰ tal-Unjoni”⁷.*

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor se jemenda l-Isa, li huwa ftehim internazzjonali li jorbot lill-Unjoni. L-att previst għalhekk għandu effetti ġuridiċi.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-ISA.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantivi

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn daww il-għanijiet jew minn daww il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun biss wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni (il-kummerċ fi prodotti agrikoli).

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja ve il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor se jemenda l-Ftehim, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġi adottat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-emenda tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Parti mill-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ("ISA"), li ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE¹ u hija Membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor ("ISO").
- (2) F'konformità mal-Artikolu 8 tal-ISA, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor iwettaq jew iħejji għat-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet kollha li jkunu meħtieġa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-ISA. Skont l-Artikolu 13 tal-ISA, id-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fil-prinċipju jittieħdu b'kunsens. Fin-nuqqas ta' kunsens, id-deċiżjonijiet isiru permezz ta' vot b'maġġoranza sempliċi, sakemm l-ISA ma jipprevedix vot speċjali.
- (3) Skont l-Artikolu 25 tal-ISA, il-Membri tal-ISO għandhom 2000 vot b'kollox. Kull membru tal-ISO għandu għadd speċifiku ta' voti li kull sena jiġi aġġustat f'konformità mal-kriterji stipulati fl-Artikolu.
- (4) Madankollu, id-distribuzzjoni tal-voti fost il-Membri tal-ISO li tiddetermina wkoll il-kontribuzzjoni finanzjara tal-Membri lill-ISO, ma għadhiex tirrifletti r-realtajiet tas-suq dinji taz-zokkor.
- (5) Skont ir-regoli tal-ISA dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-ISO, is-sehem tal-Unjoni baqa' l-istess mill-1992 'il hawn, għalkemm is-suq dinji taz-zokkor, u b'mod partikolari l-pożizzjoni relattiva tal-Unjoni fih, inbidlu b'mod sostanzjali minn dak iż-żmien 'il hawn. Għaldaqstant, f'dawn l-aħħar snin l-Unjoni assumiet sehem sproporzjonatament kbir tal-kostijiet baġitarji u tar-responsabbiltà fl-ISO.
- (6) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2242², il-Kummissjoni rċeviet awtorizzazzjoni mingħand il-Kunsill, biex tidħol f'negozjati mal-partijiet l-oħra għall-ISA fi ħdan l-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor bil-għan li tiġi mmodernizzata l-ISA, b'mod partikolari fir-rigward tad-diskrepanzi bejn l-għadd ta' voti u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Membri tal-ISO minn naħa u l-pożizzjoni relattiva tagħhom fis-suq dinji

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor 1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2242 tat-30 ta' Novembru 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 29).

taz-zokkor min-naħa l-oħra. L-awtorizzazzjoni ġiet estiżta sal-31 ta' Diċembru 2021 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2136³.

- (7) Abbażi tal-awtorizzazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni ħadet sehem f'negozjati ma' pajjiżi membri tal-ISO u ppreżentat proposti konkreti għall-emendar tal-Artikolu 25 tal-ISA, li jirregola l-adozzjoni tal-baġit amministrattiv u tal-kontribuzzjonijiet tal-Membri. Waqt il-55 Sessjoni tiegħu, fid-19 ta' Lulju 2019, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor iddeċieda li jiftaħ negozjati għal reviżjoni parzjali tal-ISA qabel il-laqgħa tiegħu li jmiss f'Novembru 2019, skont il-gwida tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD).
- (8) Wara talbiet minn diversi Membri tal-ISO, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor iddeċieda li, minbarra r-reviżjoni tal-Artikolu 25 tal-ISA, li ġiet proposta mill-Unjoni, oqasma oħra tal-ISA jridu jkunu s-suġġett ta' negozjati formali, b'mod partikolari, l-għanijiet skont l-Artikolu 1 tal-ISA u l-prijoritajiet ta' ħidma tal-ISO skont l-Artikoli 32, 33 u 34 tal-ISA kif ukoll ir-regoli għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv skont l-Artikolu 23 tal-ISA. Il-formulazzjoni finali tal emendi li jikkonċernaw l-Artikoli kienet miftehma mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor matul is-57 sessjoni f'Novembru 2020 u t-58 sessjoni f'Ġunju 2021.
- (9) Kull emenda miftiehma f'dawn in-negozjati trid tiġi adottata f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 44 tal-ISA. Skont dak l-Artikolu, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor jista', permezz ta' vot speċjali, jirrakkomanda emenda tal-ISA lill-Membri tal-ISO. Bħala membru tal-Kunsill Internazzjonali dwar iz-Zokkor, f'konformità mal-Artikolu 7 tal-ISA, l-Unjoni tkun tista' tiegħu sehem f'dan il-vot speċjali bl-għan li jniedi l-proċedura għall-emendar tal-qafas istituzzjonali tal-ISA.
- (10) Skont l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-reviżjoni parzjali tal-ISA, il-vot speċjali skont l-Artikolu 44 tal-ISA, li jirrakkomanda lill-Membri jemendaw l-ISA, se jsir matul id-59 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ippjanata għal Novembru 2021.
- (11) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-59 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, li temenda l-ISA biex tirrifletti li l-eżitu tan-negozjati għar-reviżjoni parzjali tiegħu huwa fl-interess tal-Unjoni.
- (12) Barra minn hekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-59 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-emenda msemmija hawn fuq għall-ISA peress li l-emenda implimentata sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024 hija fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-votazzjoni speċjali li trid issir matul id-59 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fis-26 ta' Novembru 2021 skont l-Artikolu 44 tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2136 tal-5 ta' Diċembru 2019 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 324, 13.12.2019, p. 3).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		FinancSt/10/ PSH/hn/xxxxxx		
		6.22.2021.1		
		DATA: 12 ta' Lulju 2021		
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: 14 20 03 06 Organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali	APPROPRJAZZJONI IET: B2021 EUR 6 300 000		
2.	TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-emenda tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992			
3.	BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea			
4.	GĦANIJET: Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ("ISC") b'rabta mal-vot speċjali li jrid jitwettag f'konformità mal-Artikolu 44(1) tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor ("ISA") li jirrakkomanda lill-Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor ("ISO") biex jemendaw l-ISA f'konformità mal-eżitu tan-negożjati għar-reviżjoni parzjali tiegħu li nbdew f'Lulju 2019. Ir-reviżjoni tikkonċerna prinċipalment metodu ta' kalkolu rivedut u mekkaniżmu ta' aġġornament ta' aġġustament aktar effettiv sabiex jiġi normalizzat is-sehem tal-UE tal-kostijiet u tar-responsabbiltà baġitarji fi ħdan l-ISO.			
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2021 (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA TA' WARA 2022 (f'miljuni ta' EUR)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN			
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRI TAL-UE (IMPOSTI / DAZJI TAD-DWANA) - NAZZJONALI			
5.0.1	NEFQA PROĠETTATA	2023 (f'miljuni ta' EUR)		
5.1.1	DĦUL PROĠETTAT			
5.2	METODU TAL-KALKOLU:			
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?			IVA
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?			-
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			-
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?			IVA
OSSERVAZZJONIJIET: Il-proposta jista' jkollha konsegwenzi finanzjarji mill-2024 iżda dawn ma jistgħux jiġu kwantifikati fil-preżent.				

Is-sehem tal-Unjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja jvarja skont l-għadd finali ta' voti attribwiti lill-UE wara l-ftehim ta' emenda. X'aktarx is-sehem tal-UE se jonqos.